17.Flimkien nghaddu l-Jum ta' Lapsi,
Fuq il-bandla lkoll henjin,
Bit-tbandil il-fuq u l-isfel
Hekk illum inqattghu l-hin;

18.Meta jerġa jasal Lapsi
Narmaw bandla u ejja arana!
Ferhanin nitbandlu u nghannu
U kulhadd jitbandal maghna.

---

## KARMNU XUEREB IN-NAMRU

(Apprezzament ta' Angelo Dougall)



Ghannej maghruf, miet fl-Isptar Ġenerali, ġol belt Victoriafis-17 ta' Marzu 1997; kellu 86 sena. Jinsab midfun fiċ-Ċimiterju tal-Qala, Għawdex, rahal twelidu. Dawn l-ahhar erba' snin kien irtirat ġol Qala, ma' qrabatu, wara li kien qatta' l-biċċa kbira ta' hajtu ġo l-Amerka, f'Detroit, Michigan. Kien mar hemm bhala emigrant ghal nofs is-snin tletin.

Fuq dan l-ghannej dehru artikoli fil-*The Times* tas-16 ta' April, 1997, u fit-*Torċa* tas-27 ta' April. 1997. Kienet dehret kitba fuq in-Namru fit-*Torċa* (Magażin) tat-2 ta' Marzu, 1997, u minn żmien ghal żmien kienu dehru fl-*Imnara* kummenti dwar xi attivita' folkloristika tieghu. Karmnu Xuereb habb hafna lil Art Twelidu, habb l-ilsien Malti, u l-ghana Malti, li ghal dan kien maghruf hafna. Nitolbu ghal ruhu.